MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Numru 134/2006

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)

vs

Jesmond Portelli

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat ta’ karta ta’ identita numru 0293770(M) akkuzat, talli:

1. nhar is-27 ta’ Ottubru 2005 ghal habta tal-4.30 ta’ filghaxija filwaqt li kien fil-bini ta’ gymnasium imsejjah ‘Gym Star’ li jinsab fi triq il-Knisja, Hal-Tarxien, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe’ dak ta’ serq minn dan il-bini, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu u li kieku

sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, li ma jiskorriex l-elf lira Maltin ghad-dannu ta' Joseph Martin Borg mill-Mosta u persuni ohra u dana bi ksur ta' l-Artikolu 41(1)(a), 261 (b)(c)(f)(g), 263, 267, 270 u 271(g) tal-Kap 9;

2. sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-qrati ta' Malta li saru definittivi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza issir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jittrattaw l-attentat ta' serq u r-recidiva. Mill-provi jirrisulta li fid-data u hin indikati fl-akkuza l-akkuzat kien mar fil-gymnasium 'Gym Star' bl-intenzjoni biex jisraq tant li propositament libes hwejjeg konsoni mal-intenzjoni tieghu. Issa l-intenzjoni wahedha ma taghmilx ir-reat purke' ma tigix segwita jew bil-fatt kompjut, fl-liema kaz d-delitt jkun gie kunsmat, jew b'atti esterni li jaghtu bidu ghall-esekuzzjoni tieghu (Artikolu 41 tal-Kap 9) u fl-liema kaz hemm attentat.

L-ewwel akkuza tixli l-akkuzat bl-attentat ta' serq u kwindi l-provi ghandhom jistabilixxu xi att estern li ta' bidu ghall-esekuzzjoni tas-serq. Dan il-fatt jirrisulta sodisfacjentement anka mix-xhieda tal-akkuzat innifsu senjatament meta wiegeb ghall-domanda li saritlu riferibilment ghal basket li nzerta fil-kamra tal-'lockers' meta dahal huwa u li ghalkemm ma fethux jghid fi kliemu li "kont ghamilt biex nifthu u kif kont ser nifthu dahlet din it-tfajla u ghalhekk waqaft". In vista ta' dan li qal l-akkuzat waqt li ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda jikkonfigura l-

attentat fuq l-iskorta tas-subartikolu 1(a) tal-Artikolu 41 tal-Kap 9.

Konsegwentement mhux lok li l-Qorti tiddilunga aktar fuq din l-ewwel akkuza ghajr ghall-aggravji kif prospettati fl-akkuza li mill-fattispecie tal-kaz u x-xhieda mismugha ma jirrisultawx.

Kwindi hemm l-attentat ta' serq nieqes pero' mill-aggravji tieghu.

Illi dwar l-akkuza li l-akkuzat hu recidiv din l-akkuza tirrisulta ben pruvata mill-atti.

Dwar il-piena l-Qorti esaminat il-fedina penali tal-akkuzat u jirrisulta li huwa ghandu precedenti ta' serq u anka wehel habs minhabba f'hekk. Verosimilment, pero', jidher li s-serq kien istigat mill-vizzju tad-droga li kellu l-akkuzat li jistqarr li dan il-vizzju illum irnexxilu jeliminah. Fid-dawl tal-fatt li l-akkuzi kontra tieghu jirrisalu ghas-sena 2005 il-Qorti hi propensa li taghtih affidabilita' u sejra itieh opportunita' sabiex jiddimostra li illum m'ghadux skjav tad-droga. Ghalhekk qeghdha in alternattiva ghal piena karcerarja tapplika kontra tieghu l-Artikolu 7 tal-Kap 446 billi tpoggih taht il-harsien ta' ufficjal tal-probation ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum torbtu li apparti li ghandu jobdi kull direttiva li taghtih l-ufficjal tal-probation irid jissottometti ruhu ghall-test tal-urina kull meta rikjest mill-ufficjal tal-probation u dan wara li rat l-Artikolu 284, 285, 49,50 u 31 tal-Kap 9 u l-Artikolu 7 tal-Kap 446.

Il-Qorti fehmet lill-akkuzat ir-responsabiltajiet tieghu ai termini ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------